23 ta' April, 1956

Imħallfin:

**Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D.,** ***President;***
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;
**Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.**

Wisq Nobbli Baruni Lino Testaferrata Bonnici et.
*versus*
Kaptan Joseph Aquilina Roberts et.

**Eżekutur Testamentarju — Amministrazzjoni Awtorizzazzjoni tas-Sekond-Awla tal-Qorti Ċivili**

*Hu materja ta' "jus receptum" li l-eżekutur testamentarju jista' jippromwovi jew jikkontesta azzjonijiet ġudizzjarji; basta li dawn jidħlu fil-limiti tal-attribuzzjonijiet lilu mogħtija. U sakemm l-azzjoni tirrigwarda meritu li hu kopert mill-attribuzzjonijiet espressament deferiti lill-eżekutur testamentarju, dan ma għandux bżonn l-awtorizzazzjoni tas-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili biex jippromwovi jew jikkontesta dik l-azzjoni.*

*Għaldaqstant, jekk lill-eżekutur testamentarju tkun ġiet mogħtija l-fakoltà li jamministra l-beni ereditarji sad-diviżjoni, huwa jista' jipproponi kawża kontra l-inkwilini tal-beni ereditarji biex jeżiġi l-kera, mingħajr ma għandu bżonn ta' dik l-awtorizzazzjoni.*

Il-Qorti—Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-atturi fil-kwalità tagħhom fuq imsemmija jitolbu illi, wara li jittieħdu l-provvedimenti meħtieġa u jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji, il-konvenut Aquilina Roberts jiġi kundannat iħallashom is-somma ta' £150, kwantu għal £34 kera għall-Villa "Sant", Bakery Street, Lija, kwantu għal £8 kera tal-ġnien retropost għall-imsemmija villa, u £8 kera

tal-garage nru. 83 Bakery Street, Lija, mill-ewwel ta' Jannar sa l-aħħar ta' Diċembru 1953. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, *li ġew inġunti biex jidhru għas-subizzjoni;*

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-4 ta' Gunju 1955, li biha dik il-Qorti ddeċediet adeżivament għat-talba tal-atturi kif miġjuba fl-att taċ-ċitazzjoni, bl-ispejjeż kollha talkawża kontra l-konvenut Kaptan Joseph Aquilina Roberts; wara li kkonstatat illi l-Kaptan Joseph Aquilina Roberts, debitament notifikat bl-att taċ-ċitazzjoni u d-dikjarazzjoni tal-atturi fis-6 ta' Mejju 1955, baqa' ma ppreżentax nota taleċċezzjonijiet, u *wara li rat il-kapitolu tal-atturi għas-subizzjoni* tal-konvenut Kaptan Joseph Aquilina Roberts, u wara li kkunsidrat;

Illi l-konvenut Kaptan Joseph Aquilina Roberts, imsejjaħ tliet darbiet sabiex jirrispondi għall-kapitolu fuq imsemmi, ma deherx, u li għalhekk l-istess kapitolu għandu jiġi ritenut konfessat;

Rat fil-fol. 13 il-petizzjoni tal-konvenut Kaptan Joseph Aquilina Roberts, li biha talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li tiġi miċħuda t-talba tal-atturi kontra tiegħu, jew, alternattivament, li l-Qorti tagħmel id-dikjarazzjonijiet opportuni u tagħti l-provvedimenti opportuni, u tillibera lill-appellant "ab observantia"; bl-ispejjeż tażżewġ istanzi kontra l-atturi;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

L-appellant kien kontumaċi in prim'istanza, u għalhekk hu prekluż milli jġib provi f'din l-istanza, ammenokkè ma jiġġustifikax il-kontumaċja (Kollez. Vol. XXX-I-p. 139 u paġ. 290). Dippjù, f'dan *il-każ ġew lilu deferiti l-kapitoli*, u fin-nuqqas ta' kumparizzjoni tiegħu ġiet, skond il-liġi, preżunta l-konfessjoni tal-materja kapitolata. Sakemm mhijiex ġustifikata l-kontumaċja, tibqa' sseħħ dik il-prova tas-subizzjoni;

Id-difensur tal-appellant iddikjara fid-dibattitu li hu mhux fi grad li jiġġustifika l-kontumaċja in prim'istanza;

L-istess difensur, però, issottometta li l-atturi ma setgħux jintentaw din l-azzjoni mingħajr l-awtorizzazzjoni tas-Sekond'Awla *tal-Qorti Ċivili*, u *li din l-irritwalita' kien*

imissha ġiet konstatata "ex officio" mil-Qorti tal-Ewwel Grad non ostanti l-kontumaċja u s-subizzjoni;

Hu materja ta' "jus receptum" li l-eżekutur testamentarju jista' jippromwovi jew jikkontesta azzjonijiet ġudizzjarji, basta li dawn jidħlu fil-limiti tal-attribuzzjonijiet lilu mogħtija (Kollez. XXVIII-I-736). Sakemm l-azzjoni tirrigwarda meritu li hu kopert mill-attribuzzjonijiet espressament deferiti lill-eżekutur mit-testatur, ma hemmx bżonn l-awtorizzazzjoni tas-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili (Kollez. Vol. XV, p. 68);

Bl-azzjoni preżenti l-atturi nomine qegħedin jitolbu ħlas ta' kera ta' beni ta' l-eredità, u xejn aktar;

Issa, skond it-testment eżibit in kopja bin-nota tat-23 ta' Marzu 1956, l-eżekuturi ġew nominati tali "bil-fakoltajiet kollha soliti konċessi lill-eżekuturi, kompriża l-amministrazzjoni tal-beni tal-kontestaturi, sal-effettiva diviżjoni tagħhom......"; vwoldiri huma ġew nominati, kif kien jingħad fil-leġislazzjoni muniċipali tagħna, "esecutori misti" (Kollez. Vol. IX p. 620). Issa, ebda dubju ma jista' jkun hemm li l-eżekutur, bil-fakoltà tal-amministrazzjoni, għandu l-jedd li jeżiġi l-kera; u għalhekk l-azzjoni, intiża għall-eżazzjoni koattiva ta' dan il-kera, tidħol fl-attribuzzjonijiet tiegħu; u konsegwentement, sabiex jintentaha, l-eżekutur ma għandux bżonn l-awtorizzazzjoni tas-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili;

Id-deduzzjoni tal-appellat hi, għalhekk, bla fondament;

Fil-meritu ma saret ebda prova kontra l-konfessjoni preżunta tal-materja kapitolata;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-appellant.